**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' Settembru 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 86/2014JVC**

**Dorian Vella**

**Vs**

**Salvina Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

1. Illi r-rikorrent huwa iben Anthony Vella, iben il-mejtin Emanuel Vella u Victoria nee' Camilleri, li miet fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan kif jidher mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok.A;

2. Illi minn ricerki testamentarji maghmula jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B u Dok. C, illi Anthony Vella rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Tiziana Maria Refalo tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema testament qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. D;

3. Illi bis-sahha ta' l-imsemmi testment unica charta, it-testatur missier ir-rikorrent, filwaqt li ddispona mill-patrimonju tieghu permezz ta' diversi legati, innomina u istitwixxa lil martu Salvina Vella, *qua* konvenuta, bhala eredi universali u padruna assoluta tal-gid kollu tieghu, prezenti u futuri;

4. Illi bl-imsemmi testment, filwaqt li r-rikorrent gie mholli prelegat ta' tlett elef Euro (€3,000.00) ma messu xejn mill-patrimonju ta' missieru u ma giex istitwit bhala eredi tal-istess Anthony Vella;

5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandu dritt ghall-porzjoni riservat mill-eredita' ta' missieru Anthony Vella;

6. Illi ghalkemm interpellata entro t-terminu ta' sentejn mill-mewt tal-missier sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjoni riservat lir-rikorrenti spettanti skont il-Ligi, l-intimata baqghet inadempjenti, u dan kif jidher mill-Ittra Ufficjali Nru. 481/2014, hawn anness u mmarkata bhala Dok. E;

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tistabilixxi u taccerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Vella okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;

2. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandu dritt ghas-sehem riservat mill-eredita' tal-imsemmi missieru Anthony Vella;

3. Tillikwida l-porzjoni riservat spettanti lir-rikorrenti;

4. Tillikwida l-imghax dovut lir-rikorrenti mid-data tal-mewt ta' missier l-istess rikorrent Anthony Vella;

5. Tikkundanna lill-intimata thallas l-ammonti hekk likwidati fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata, li minn issa qed tigi ngunta in subbizzjoni, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali Numru 481/2014, tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 54/2014 ipprezentat konteswalment, u bl-imghaxijiet dekorribbli skont il-Ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li eccepiet:

(1) Illi l-esponenti mhix topponi u qatt ma opponiet illi l-attur jiehu s-sehem riservat spettanti lilu bil-ligi, b'dan illi minn kwalunkwe somma illi tista' tigi hekk stabbilita ghandu jitnaqqas ukoll il-valur ta' dak kollu illi l-istess attur ha akkont tas-sehem riservat mill-

wirt u successjoni tad-*decuius* wara l-mewt ta' dan ta' l-ahhar; inkluz ma' dan sehem minn proprjeta' illi nghatat mill-esponenti lill-attur taht is-sembjanza ta' bejgh. B'zieda ma' dan, l-esponenti ghandha tirrileva illi dina l-procedura saret necessarja biss stante illi l-attur kien qed jippretendi s-sehem riservat f'ammont illi kien gie ffissat minnu arbitrarjament, u konsegwentement l-eccipjenti ma thossx illi hija ghandha tbati l-ispejjez ta' dina l-procedura.

(2) Illi mbaghad, u b'referenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat, l-esponenti tirrileva s-segwenti:-

a. L-esponenti taqbel mal-kontenut tal-ewwel tliet paragrafi tar-rikors guramentat;

b. Ir-raba' paragrafu mhux korrett stante illi bis-sahha tar-Raba Artikolu tat-testment tieghu, id-decuius halla legat iehor lill-attur konsistenti "f'kull sehem fi proprjeta' li huwa ghandu fil-garage formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet, internament immarkat bin-numru tmienja, drabi ohra bin-numru ghaxra, fi Triq Mons Peter P. Pace, fir-Rabat, Ghawdex";

(3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur, illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, kuntratti u l-provi kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Frar, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom f'termini mposti fuqhom mill-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni fuqhom bejn il-partijiet. L-attur huwa iben il-konvenuta. Missier l-attur u zewg il-konvenut Anthony Vella gie nieqes nhar l-10 ta' Ottubru, 2013 u l-eredita' tieghu giet regolata ai termini ta' testment datat 23 ta' Settembru, 2014 li jinsab esebit a fol. 9 et seq tal-process. Fi ftit kliem ai termini ta' dak it-testment Anthony Vella halla bhala eredi universali lill-konvenuta b'dana izda li ghamel diversi prelegati lil uliedu percepibbli wara l-mewt tas-supersisti (stante li dan kien testment unica carta). Fost dawn il-prelegati skont ir-raba' artikolu l-attur thalla prelegat favur tieghu ta' proprjeta' li giet identifikata bhala 'kull sehem fi proprjeta' li huwa ghandu fil-garage formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet, internament immarkat bin-numru tmienja, drabi ohra bin-numru ghaxra, fi Triq Mons. Peter P. Pace, fir-Rabat, Ghawdex (fol 10).' Fil-hames artikolu thalla wkoll prelegat percepibbli wara l-mewt tas-superstiti ta' tlett elef Euro (€3,000) favur l-attur li izda gie dikjarat li din is-somma m'ghandhiex titnaqqas mis-sehem ta' l-attur fl-assi ereditarji tat-testatur (fol. 11).

Illi wara l-mewt tal-missier, mir-ricerki li saru min-Nutar Dr. Joelle Grima irrizulta li l-garaxx fil-blokka imsemmija proprjeta' tal-mejjet u l-konvenuta ma kellux in-numru korrett indikat fit-testment u cioe' n-numru 14. Irrizulta izda li l-mejjet u l-konvenuta ma kellhom l-ebda garaxx iehor proprjeta' taghhom f'dik il-blokka. Fl-atti n-Nutar Grima spjega li s-soluzzjoni li sab ghal din l-anomalija kienet li rrakomanda lill-partijiet li fid-denunzja l-garaxx jitnizzel bhala wirt universali tal-konvenuta, filwaqt li l-konvenuta fl-istess gurnata taghmel kuntratt mal-attur li qed tbiegh dan il-garaxx kollu (nkluz cioe' n-nofs taghha) lill-attur ghall-valur ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) (fol. 24) u dan sabiex ma jkunx hemm problemi fil-futur dwar id-derivazzjoni tal-garaxx shih. Fl-atti wkoll dan il-garaxx gie vvalutat fl-interita' tieghu ghas-somma ta' erbghin Elf Euro (€40,000) (relazzjoni tal-Perit Saviour Micallef a fol. 231). Fl-istess gurnata l-attur dahal f'kuntratt iehor mal-konvenuta fejn xtara l-vettura tad-*decuius* mixtrija ghas-somma ta' hamest elef u hames mitt Liri Maltin (Lm5,500) lura fis-sena 2008 ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500) (fol. 154).

Wara li sar dak kollu suespost l-attur beda jsostni m'ommu li kif saru l-affarijiet allura huwa gie li ma ha xejn mill-wirt ta' missieru u beda jippretendi li jithallas il-legittima. Jammetti li f'okkazzjoni minnhom semma' s-somma ta' madwar erbghin elf Euro (€40,0000) izda jghid li

dan kien biss ezempju. Min-naha taghha l-konvenuta tinsisti li l-attur ha n-nofs tal-garaxx min-naha ta' missieru minghajr ma hallas xejn ghalih u ghalhekk dak ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini ta' legittima. Issemmi wkoll li thallew xi mobbli fl-istess garaxx li zammhom l-attur u ghalhekk il-valur taghhom ghandu wkoll jitnaqqas filwaqt li ssostni li ghall-fini ta' legittima ghandhom jittiehdu wkoll in konsiderazzjoni d-djun li kellu l-mejjet u l-valur tal-vettura tad-*decuius* li skont il-konvenuta giet regalata lill-attur.

**Bazi Legali**

Illi l-bazi legali ghat-talbiet tal-attur tinstab fl-artikoli 615, 616 u 620 tal-Kap. 16 li jipprovdu kif isegwi:

**'615.** (1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj.
(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn:
Izda l-Qorti tista', fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'

**'616.** (1) Is-sehem riservat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iz-zwieg jew imnissla jew imwielda barra miz-zwieg jew adottati, ghandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux izjed minn erbgha fl-ghadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu hamsa jew izjed.
(2) Is-sehem riservat jinqasam f'ishma ndaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm hlief tifel wiehed, dan jiehu wahdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.

**'620.** (1) It-testatur ma jistax jghabbi s-sehem riservat b'xi piz jew kondizzjoni.
(2) Is-sehem riservat jigi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali.
(3) Fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' zwieg, ikun iddispona favur ta' xi hadd, minbarra l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti ohra.
(4) Dak li jmissu s-sehem riservat ghandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ha minghand it-testatur u li jkun suggett ghall-kollazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.
(5) Il-persuna li jkollha jedd ghas-sehem rizervat ghandha tiehu akkont tas-sehem taghha kull beni mhollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja ghall-ebda disposizzjoni testamentarja favur taghha u titlob is-sehem riservat, sakemm dik id-disposizzjoni testamentarja ma ssirx f'uzufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' uzu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta ghal zmien limitat.'

Illi ai fini tat-talba tal-attur din il-Qorti ghalhekk jehtieg li tiehu in konsiderazzjoni dak li jsegwi:

- il-valur tal-assi illi kellu l-mejjet fil-gurnata ta' mewtu;
- il-valur tad-djun illi kellu fil-gurnata ta' mewtu;
- l-ghadd ta' wlied illi kellu l-mejjet u dan sabex tigi determinata l-kwota applikabbli;
- it-tnaqqis ta' dak illi dawk illi qed jitolbu s-sehem riservat hadu permezz tal-istess testment stante li fit-testment odjern l-ulied gew ezentati mill-obbligu tal-kollazzjoni u /jew imputazzjoni (fol. 11).

Il-konvenuta zzid li ghandu wkoll jitnaqqas dak li l-attur ha wara l-mewt ta' missieru fosthom il-karozza u l-oggetti mobbli li baqghu fil-garaxx.

Illi sabiex tkun tista' tigi stabbilita' l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejjet allura wiehed jehtieg li jhares lejn:

**(i) l-assi tal-mejjet li rrizulta li huma kif isegwi:**

L-assi tad-decuius gew elenkati mill-attur stess permezz ta' nota a fol. 19 tal-process. Konsegwenza tan-nota gie nominat il-Perit Saviour Micallef sabiex javvaluta l-proprjeta' kollha mmoblijati u dan sar permezz tar-rapport a fol. 231 tal-process. Minn dan ir-rapport jirrizulta valur tal-assi mmobbli tad-decuius ghas-somma ta' tliet mija u tletin elf Euro (€330,000) kif isegwi:

a. L-intier tal-fond "Salton", Triq Giuseppe Labre, Rabat, Ghawdex - €135,000;
b. Nofs sehem indiviz mill-garage numru 14 fi Triq Mons Pietru Pace, Rabat, Ghawdex - €20,000; u
c. Nofs sehem indiviz tal-bitha/*yard* illi tinsab fil-limiti tar-Rabat, Ghawdex - €175,000.

Din l-istima ma giet bl-ebda mod kontestata miz-zewg partijiet fil-kawza.

Apparti l-assi mmoblijari rrizulta mill-provi li d-decuius kellu jigbor minghand certu Joe tal-Coca s-somma ta' Erbatax-il elf Euro (€14,000) b'dana li nofs l-ammont u cioe' sebat elef Euro (€7,000) ghandu jizdied mal-assi mobbli tal-mejjet. Fil-fatt dawn il-flus ingabru fis-sens li saret tpacija ma' Christian Mercieca (ir-ragel ta' oht l-attur Karen Mercieca) li kien impjegat tal-mejjet ghas-somma ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) li l-konvenuta waslet fi qbil mieghu li kienet dovuta bhala pagi b'lura lilu, bin-nofs ikun dovut mid-*decuius*. Jigi notat li fis-sottomissjonijiet taghha l-konvenuta ghalkemm nizzlet il-paga b'lura bhala dejn tad-*decuiu*s naqset izda milli tindika l-kreditu u cioe' s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) bhala assi.

Aktar 'il isfel f'din id-decizjoni din il-Qorti dahlet ukoll f'analizi tal-valur tal-vettura Toyota Platz proprjeta' tad-decuius u l-konvenuta dak in-nhar tal-mewt liema valur (kif jirrizulta aktar 'il isfel) gie kalkolat li kien dak ta' sebat elef, hames mija u erbgha u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€7564.77) fis-sena 2013. Nofs dan il-valur kien tad-*decuius* u cioe' €3,782.39.

Jirrizulta ghalhekk li l-valur komplessiv tal-assi mmobbli u mobbli tad-*decuius* kien dak ta' tliet mija u erbghin elf, seba' mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€340,782.39).

(ii) Id-Djun tad-*decuius* fil-jum tal-mewt tieghu:

Illi fl-atti tinsab esebita nota tal-konvenuta (fol. 274) fejn elenkat skont hi d-djun li kellu d-decuius. Bosta minn dawn id-djun jinsabu wkoll konfermati mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti mill-banek. Dwar il-paga dovuta lil Christain Mercieca l-Qorti tqis li fl-atti tressqu bizzejjed provi sabiex jevidenzjaw dan id-dejn filwaqt li ma tressqet l-ebda prova sabiex tikkontradixxi l-istess. L-istess ghandu jinghad ghal dak li hu dejn mas-Socjeta' ARMS Ltd. tant illi dak indikat fin-nota u ftit centezmi anqas mill-kont proprju eseabit a fol. 349 tal-process. Id-djun l-ohra li mhumiex f'ammonti kbar ma gew bl-ebda mod kontestati mill-attur. Jirrizulta ghalhekk li d-djun tad-*decuius* kienu jammontaw ghas-somma komplessiva ta' disgha u sittin elf, tliet mija u sitt Euro u sitta u tletin centezmu (€69,306.36).

Illi jirrizulta ghalhekk li mill-ammont mill-ammont ta' tliet mija u erbghin elf, seba' mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€340,782.39) rapprezentanti assi ghandu jitnaqqas il-passiv fl-ammont ta' disgha u sittin elf, tliet mija u sitt Euro u sitta u tletin centezmu (€69,306.36) bil-bilanc ikun dak ta' mitejn u wiehed u sebghin Elf, erba' mija u sitta u sebghin Euro u tliet centezmi (€271,476.03).

(iii) **Kwota**

Illi jirrizulta li d-decuius kellu erba' wlied u ghalhekk ai termini tal-artikolu 616 (1) tal-Kap. 16 il-legittima hija terz tal-eredita' diviza bejn erba' (4) b'dana li l-legittima tammonta ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin Euro (€22,623).

(iv) **X'inhu effettivament dovut lill-attur:**

Illi jirrizulta li huwa fuq dan il-punt li hemm l-akbar kontestazzjoni bejn il-partijiet. Permezz ta' din il-kawza l-attur qed isostni li l-garaxx li kien proprjeta' ta' missieru huwa xtrah permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joel Grima u mhux gie ghandu tramite l-kuntratt u ghalhekk skont hu l-valur tieghu m'ghandux jitnaqqas mill-ammont ta' legittima dovut lilu. Il-konvenuta ssostni bil-kontra stante li tinsisti tul il-process kollu u anki fil-kontro-ezami li l-prezz imhallas fil-kuntratt ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) kien biss ghal nofs il-garaxx proprjeta' taghha filwaqt li kien fuq parir moghti liz-zewg partijiet minn Nutar li tnizzel il-garaxx kollu u dan sabiex ma jkunx hemm problema ta' derivazzjoni tal-proprjeta' ghall-attur fil-futur in vista tad-diskrepanza fin-numru fit-tesmtent.

Illi mill-assjem tal-provi u b'mod partikolari mix-xhieda tan-Nutar Dr. Joelle Grima u x-xhieda tal-istess attur din il-Qorti hija sodisfatta li nofs il-garaxx in kwistjoni li kien proprjeta' tad-*decuius* fil-fatt ghadda ghand l-attur rizultat tad-disposizzjoni li thalliet fit-testment tad-decuius u mhux ghaliex verament xtrah. Il-bejgh sar biss sabiex jikkoregi l-izball fin-numru. Fil-fatt din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mix-xhieda tan-Nutar Dr. Joelle Grima li a fol. 245 et seq jixhed kif isegwi:

**'L-Avukat Dr Damian Bigeni:**
Jekk nghidlek li kien hemm diffikulta dwar l-interpretazzjoni ta' legat partikolari li kien thalla lil Dorian, ghandek amment ta' xi haga? Jew tista' tghidilna naqra x'kienet id-diskussjoni f'dak ir-rigward?
**Ix-Xhud:**
Mela, dik kienet tirrigwarda l-garage, ghax fit-testment kien..

**L-Avukat Dr Damian Bigeni:**
Dan il-garage fejn kien, hu pacenzja?
**Ix-Xhud:**
Il-garage fi Triq Mons Pietru Pace, ir-Rabat. Issa, dan fit-testment kien imnizzel bin-numru tmienja (8), drabi ohra bin-numru ghaxra (10). Imbaghad meta konna ghamilna r-ricerki fir-registru pubbliku fir-realta kien tela' li dan il-garage kien bin-numru erbatax (14). Allura, imbaghad dan eventwalment huma kienu waslu fi qbil li Salvina ser tbieghlu l-garage. Issa, peress li kien hemm din il-problema, fuq in-nofs ta' Salvina, ma kienx hemm problemi ghax kienet ha tbieghulu, fuq in-nofs ta' missieru qeghdin nghidu, ghax dan kien inxtara fiz-zwieg. Issa, kienu waslu fi qbil bejniethom il-partijiet, li biex 'il quddiem dan ma jkollux xi problema ma' hutu, peress li kien hemm din il-problema fin-numru, bin-numru tnienja (8) u drabi ohra bin-numru ghaxra (10), wasalna fi ftiehim li peress li Salvina kienet il-werrieta universali skont it-testment, tidher hi fuq il-kawza mortis u dak in-nofs indiviz tal-garage imbaghad eventwalment tbieghlu s-sehem intier, biex hu qatt ma jkollu problemi fil-futur, li xi hadd jghidlu isma, ma wrietx is-sehem kollu. Fhimt? Dik kienet il-kwistjoni. . . . Le, le, biex hu, ikollu rasu mistrieha li hadd ma jista' jghidlu fuq dak in-nofs indiviz ghandu problema ghax hemm diffikulta fin-numru. Qed tifhem?
**Il-Qorti:**
Fuq in-nofs indiviz tal-missier?
**Ix-Xhud:**
Ezatt. Biex jekk ikollu problema li ma wirtux bit-testment, l-omm kienet il-werrieta universali u ha jkun xtrah bil-kuntratt.
**L-Avukat Dr Damian Bigeni:**
U fil-fatt, Salvina u Dorian dahlu effettivament f'kuntratt f'dan is-sens?
**Ix-Xhud:**
Iva, fl-intier tieghu, ezatt.
**L-Avukat Dr Damian Bigeni:**
Imma r-raguni ta' dan il-kuntratt hija dik li qed tghidilna issa, kienet? Biex Dorian ma jkollux problemi.
**Ix-Xhud:**
Hu xorta kien ser jixtri s-sehem t'ommu, sewwa. Imbaghad xtara l-intier biex ma jkunx hemm dawk il-problemi. Kont fissirtilhom it-tnejn li huma. U kienu qablu bhalma qablet l-omm u kulhadd....
**L-Avukat Dr Damian Bigeni:**
Mistoqsija ohra, hu pacenzja. Il-kuntratt ta' bejgh sar precizament minhabba din id-diffikulta?

**Ix-Xhud:**
Minhabba dik id-diffikulta, ghax kien ha jkollu problema nkella peress li ma kienx jissemma' n-numru.
**Il-Qorti:**
Il-prezz. Jien qed nifhem kuntratt ta' bejgh, mela tnizzel prezz.
**Ix-Xhud:**
Iva.
**Il-Qorti:**
Hu hallas xi haga ta' dak in-nofs illi suppost ha bhala legat?
**Ix-Xhud:**
L-initier hu gallas elfejn u hames mitt (2,500) ewro. Ghax huma kienu ftehmu tlett elef (3,000) ewro, niftakar fuq il-karozza u l-garage ma' xulxin, tlett elef (3,000) ewro. Hames mija (500)..
**Il-Qorti:**
Meta qed tghid tlett elef (3,000) ewro?
**Ix-Xhud:**
Hames mija (500) ghall-karozza u elfejn u hames mija (2,500) ghal garage.
**Il-Qorti:**
Imma strettament, l-elfejn u hames mija (2,500) kienu ghal garage kollu jew ghal nofs tal-omm?
**Ix-Xhud:**
**Le, strettament, ghan-nofs tal-omm kienu. Imma kienet qablet li ha thallilu l-istess prezz, speci ta, biex nevitaw dik il-problema (*emfazi tal-Qorti*).**
**Il-Qorti:**
Jigifieri at the end of the day ma kienx miftiehem flus fuq in-nofs illi..
**Ix-Xhud:**
Le hija kienet accettat li tbieghlu l-intier u thallilu l-istess ammont ta' flus.
**Il-Qorti:**
L-istess ammont li kien gie vvalutat in-nofs.
**Ix-Xhud:**
Ezatt.'

Illi mix-xhieda tan-Nutar Joelle Grima jirrizulta car li dak in-nhar tal-kuntratt tas-26 ta' Marzu, 2014 l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi l-attur ihallas is-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ghal nofs il-garaxx proprjeta' tal-konvenuta filwaqt li ma jhallas xejn ghan-nofs l-iehor ghax

kien thalla b'legat lilu u sabiex jigu evitati problemi fil-futur dan tnizzel bhala bejgh tal-garaxx kollu. Sahansitra din ix-xhieda hija konfermata mill-istess attur (fol. 252):

**'Il-Qorti:**
Int qed tghid li l-prezz ta' elfejn u hames mija (2,500) kien tal-garage kollu mhux kemm kien jiswa nofs tal-mummy?
**Ix-Xhud:**
Le, ahna konna ftiehmna ma xulxin..
**Il-Qorti:**
Mela qabel ma dahhaltu n-nofs tad-daddy, kemm kontu ftehmtu li ha jinxtara dak in-nofs tal-mummy?
**Ix-Xhud:**
Tlett elef (3,000) ewro.
**Il-Qorti:**
Li jinkludi l-karozza?
**Ix-Xhud:**
Li jinkludi l-karozza.
**Il-Qorti:**
Imbaghad in-nutar issuggerilek ejja ndahhluh kollu biex ma jkollokx problemi minhabba n-numru.
**Ix-Xhud:**
Iva.
**Il-Qorti:**
Il-prezz, inbidel?
**Ix-Xhud:**
Le.
**Il-Qorti:**
Le.'

L-istess konvenuta fil-kontro-ezami taghha (fol. 317 et seq) tibqa' tinsisti li l-bejgh u l-prezz dejjem kienu qed jirreferu ghan-nofs taghha u li fil-bqija tan-nofs l-iehor hija mxiet mal-istruzzjonijiet tan-Nutar sabiex l-attur ma jkollux problemi fil-futur.

Il-Qorti ghalhekk tqis li gie sufficjentement pruvat fl-atti li nofs il-valur tal-garaxx in kwistjoni ghaddha ghand l-attur bhala eredita' tal-mejjet missieru u ghalhekk il-valur ta' dan in-nofs ghandu jitnaqqas mil-

legittima dovuta lilu. Nofs il-valur tal-garaxx in kwistjoni giet stmata mill-Perit Saviour Micallef (fol. 231) ghas-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) b'dana li d-differenza li jibqa' fil-legittima dovuta wara dan it-tnaqqis tammonta ghas-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u ghoxrin Euro (€2,623).

Illi fuq din id-differenza l-konvenuta teccepixxi u ssostni fis-sottomissjonijiet taghha li ghandhom ukoll jitnaqqsu l-valuri ta' l-oggetti mobbli li kienu u ghadhom fil-garaxx fuq imsemmi u li l-attur jammetti li zamm (li skont il-konvenuta jikkonsistu f'sodda tal-morda li kienet akkwistata versu l-prezz ta' madwar elf u hames mitt Ewro (€1,500); *vacuum cleaner,* sodda ohra tal-injam flimkien ma' saqqu, ghodda u *water dispenser* illi dejjem skont il-konvenut l-valur taghhom flimkien ma jeccedix l–ammont ta' seba' mitt Ewro (€700) u l-valur jew parti mill-valur tal-vettura "Toyota" "Platz" illi effettivament skont il-konvenut inghatat lill-attur u mhux inbieghet.

Illi din il-Qorti izda fir-rigward tal-mobbli li kienu jinsabu fil-garaxx, ma sabet l-ebda hjiel ta' prova dwar il-valur taghhom fl-atti. Il-konvenuta qed tippretendi li din il-Qorti taghmel kalkolu minn znieda u dan l-ammont jitnaqqas minn dak dovut lill-attur. La darba l-principju hu li min jallega jrid jipprova u la darba l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova sufficjenti dwar il-valur ta' dawn l-oggetti din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn il-pretensjonijiet da parti tal-konvenuta.

Illi fir-rigward tal-vettura rrizulta mill-atti li sar kuntratt dak in-nhar stess li saret id-denunzja u sar il-kuntratt tal-garaxx u li f'dan il-kuntratt inghata valur lill-istess vettura appuntu biex ghal darb'ohra l-attur ma jkollux problemi futuri possibilment ma' hutu. Dwar il-valur tal-vettura huwa l-attur stess li jixhed li din kienet inxtrat fis-sena 2008 ghas-somma ta' madwar hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500) u cioe' madwar tnax-il elf, tmien mija u hdax-il Euro (€12,811). Din il-vettura kienet tikkonsisti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk nofsha kienet tal-mejjet. Li kieku wiehed jimxi b'deprezzament normalment applikabbli ghall-vettura ta' ghaxra fil-mija l-vettura wara hames snin u

cioe′ sas-sena 2013 meta miet il-missier kienet naqset mill-valur ghas-somma ta′ sebat elef, hames mija u erbgha u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€7564.77). Nofs dan il-valur kien tad-*decuius* u cioe′ tlett elef, seba′ mija u tnejn u tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€3,782.39). L-attur hallas biss is-somma ta′ hames mitt Euro (€500) ghall-vettura kollha b′dana li huwa car li din verament kienet qed tigi regalata lilu mill-konvenuta nonostante li tifforma parti mill-eredita′ tal-mejjet. Nofs l-ammont imhallas ghandu jmur fuq in-nofs tal-konvenuta filwaqt li n-nofs l-iehor fuq in-nofs tal-missier b′dana li l-attur jirrizulta li ghal dak li huwa valur fuq il-parti tal-vettura proprjeta′ ta′ missieru mar minn fuq bis-somma ta′ (€3,782.39 - €250) tlett elef, hames mija u tnejn u tletin Euro u disgha u tletin centezmu (€3,532.39). Din is-somma wkoll trid titnaqqas mill-ammont ta′ legittima dovuta lill-attur skont il-ligi b′dana li meta wiehed inaqqas il-valur ta′ nofs il-garaxx u nofs il-vettura kif hawn fuq spjegat jirrizulta li sahansitra l-attur mar minn fuq mill-anqas bis-somma ta′ disa′ mija u disa′ Euro u disgha u tletin centezmu (€909.39).

Jirrizulta ghalhekk mis-suespost, li fil-mument li l-attur prezenta l-kawza odjerna kienet gia giet sodisfatta favur l-atturi kwalunkwe pretensjoni ta′ legittima favur tieghu fuq l-eredita′ ta′ missieru. Dan minghajr ukoll ma wiehed jikkunsidra li l-attur jonqsu jigbor il-pre-legat ta′ tlett elef Euro (€3,000) mal-mewt tas-superstiti. Huwa ghalhekk car li l-kawza odjerna saret ghal xejn u kienet biss sforz il-pika tal-attur ma′ ommu u hutu li ghalkemm kien ha dak li legalment u skont it-testment kien haqqu xorta wahda baqa′ jinsisti li jiehu aktar bl-uniku skuza tkun li bil-mod kif gew ippublikati l-kuntratti (fuq kollox fl-ahjar interessi tieghu) huwa deher li ma ha xejn.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, u in vista ta′ dak deciz aktar ′il fuq, din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li ai termini tal-ewwel talba tistabbilixxi l-konsistenza ta′ l-assi ereditarji tal-mejjet Anthony Vella ghall-valur ta′ mitejn u wiehed u sebghin elf, erba′

mija u sitta u sebghin Euro u tlett centezmi (€271,476.03) b'dana li l-porzjon riservat favur l-attur jammonta ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin Elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin Euro (€22,623) tiddikjara li mill-atti jirrizulta li l-attur qabel id-data tal-prezentata tal-kawza odjerna gia rcieva mill-assi tal-mejjet mobbli u mmobbli mill-eredita' li sahansitra fil-valur huma ghola mil-legittima li kieku tkun dovuta lilu skont il-ligi b'dana li ma hemm l-ebda porzjon riservat li jonqos li jigi likwidat minn din il-Qorti. Il-Qorti ghalhekk tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak deciz u tichad it-talbiet kollha attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghar-ragunijiet ukoll gia suesposti f'din id-decizjoni, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu lkoll sopportati mill-attur.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur